MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 458/2004

**Maltacom p.l.c**

**vs**

**Joan Tonna**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Frar 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u erbgha u disghin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm594.55) liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21800294.
Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-koonvenuta ngunta ghas-subizzjoni..

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u erbgha u disghin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm594.55) bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------